# MILL-BELT VALLETTA GĦAL TAS-SLIEMA: IL-VJAĠĠ TA' CALÌ JOQROB LEJN TMIEMU

**Stqarrija | 7 ta' Ottubru 2025**

Il-wirja 'MUŻA Ħdejk: Niċċelebraw lil Giuseppe Calì' waslet fid-destinazzjoni finali tagħha fil-Knisja Parrokkjali tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema, wara waqfiet ta' suċċess fil-Belt Valletta, il-Mosta, u Ħal Lija. Il-wirja se tibqa' għaddejja sal-Erbgħa 15 ta' Ottubru.

Dan l-aħħar kapitlu ta' vjaġġ li beda f'Mejju ġie inawgurat minn Godwin Vella, il-Manager tad-dar tal-pubblikazzjonijiet fi ħdan Heritage Malta, u Dott. Mark Sagona, il-Kap tad-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta.

Mario Cutajar, iċ-Chairman ta' Heritage Malta, id-Direttur ta' MUŻA u l-kuratur tal-wirja, saħaq li: "Din kienet esperjenza li nemmen li tat għarfien ġdid kemm lil dawk kollha li żaruha kif ukoll lil MUŻA nnifsu. Wirja li kienet l-ewwel tax-xorta tagħha f'pajjiżna, għax daret għadd ta' postijiet fejn wieħed isib xogħlijiet ta' Giuseppe Calì, iżda t-tieni waħda fis-sensiela 'MUŻA Ħdejk'. In-nies li żaru dawn il-wirjiet iħeġġuna nkomplu noħorgu b'inizjattivi bħal dawn, li jressqu lil MUŻA eqreb lejn in-nies u jagħtu togħma tal-patrimonju għani u b'saħħtu li għandna bħala Maltin. MUŻA jkompli jistabbilixxi ruħu bħala ċentru attiv tal-arti taħt id-diversi forom tagħha għall-bqija ta' din is-sena u dik li ġejja, kemm bil-Malta Biennale fit-tieni edizzjoni tiegħu u wkoll bil-programm pubbliku ġdid li jibni fuq dak li diġà twettaq."

Imwieled il-Belt Valletta fl-1846 minn ġenituri Naplitani li ħarbu mit-taqlib politiku li faqqa' f'Napli ftit tas-snin qabel, Calì jibqa' wieħed mill-akbar artisti ta' pajjiżna ta' kull żmien. Imħarreġ fl-Accademia di Belle Arti f'Napli, Calì rritorna f'pajjiżna, fejn beda bħala xenografu tat-teatru qabel ma kiseb il-fama għall-pitturi u x-xogħlijiet tiegħu f'diversi knejjes madwar Malta u Għawdex.

'MUŻA Ħdejk' hija inizjattiva ta' aċċessibbiltà li tieħu l-kollezzjoni nazzjonali lil hinn mill-ħitan tal-mużew, fil-qalba tal-komunitajiet. Billi jesponi xogħlijiet f'lokalitajiet li għandhom rabta mal-artist, il-proġett jiżgura li dawn il-ġawhar nazzjonali jiġu esperjenzati f'kuntesti sinifikanti. L-ewwel tliet waqfiet tal-wirja laqgħu mijiet ta' viżitaturi, u kkonfermaw l-aptit qawwi għal esperjenzi kulturali ta' dan it-tip.

Il-wirja f'Tas-Sliema għandha importanza partikolari. Hija qed terġa' tgħaqqad il-parroċċa mal-buzzett tal-inkwatru ta' San Ġilormu li tpitter minn Calì fl-1881, miġjub apposta minn MUŻA. Il-viżitaturi jistgħu jammiraw ukoll il-pittura ikonika ta' Calì 'Il-Mewt ta' Dragut', xogħlijiet minn artisti ta' żmienu, abbozzi u dokumenti li joffru ħarsa unika lejn aspetti tal-ħajja u l-prattika tal-artist.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Katalgu ddettaljat jakkumpanja din il-wirja – li kopji fiżiċi tiegħu jinsabu għall-bejgħ fil-knisja u online minn: https://heritagemalta.mt/store/muza-hdejk-niccelebraw-lil-giuseppe-cali-your-muza-celebrating-giuseppe-cali/, u huwa disponibbli f'forma diġitali minn: https://issuu.com/heritagemt/docs/muza_hdejk_niccelebraw_lil_giuseppe_cali_cover.

Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mid-9:30am sas-6:00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9:30am sal-4:30pm is-Sibt, u minn nofsinhar sas-6:00pm il-Ħadd. Id-dħul huwa kompletament bla ħlas.